# Tagħrif ġenerali importanti



FIL-AĦĦAR artiklu tiegħi temmejt il-ħarsa pjuttost estensiva li tajt fl-aħħar xhur lejn id-diversi pensjonijiet, għajnuniet, assistenzi u benefiċċji oħrajn li jitħallsu taħt l-att dwar is-Sigurtà Soċjali. Illum ħsibt li nagħti xi tagħrif li nħoss li hu importanti li wieħed ikun jafu. It-tagħrif tal-lum jittratta kemm drittijiet u kif ukoll obbligi li ċ-ċittadin għandu meta japplika għal xi benefiċċju jew ikun qed jirċievi xi benefiċċju.

Ħafna mill-informazzjoni li se nagħti llum diġà tajtha imma tajjeb li nerġa' nfakkar dwar l-importanza li kulħadd ikun jaf xi drittijiet u obbligi għandu taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

## Il-benefiċċji jingħataw awtomatikament?

Kif inhu stipulat fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318), kull min irid jagħmel talba għal kull tip ta' benefiċċju mħallas taħt dan l-Att irid jagħmel dan fuq il-formola uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u fi żmien stipulat. Għalhekk ħadd m'għandu dritt awtomatiku għal xi benefiċċju, inkluż il-pensjoni, jekk ma jagħmilx talba uffiċjali.

Fil-każ tal-pensjoni tal-irtirar, il-persuna trid tapplika fuq il-formola uffiċjali sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data li fiha l-persuna tilħaq l-età tal-irtirar. Jekk it-talba ssir wara l-iskadenza ta' dawn is-sitt xhur, id-dritt għall-pensjoni jibda jgħodd minn meta tkun saret it-talba u mhux minn meta l-persuna tkun laħqet l-età tal-irtirar. Min ikun wasal biex jagħlaq l-età tal-pensjoni jirċievi l-applikazzjoni d-dar xi erba' xhur qabel biex jimliha.

Fil-każ tal-pensjoni tar-romol, il-persuna trid tapplika fuq il-formola uffiċjali sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta l-persuna tkun romlot. Anke f'dan il-każ, jekk it-talba ssir wara l-iskadenza ta' dawn is-sitt xhur, id-dritt għall-pensjoni jibda jgħodd minn meta tkun saret it-talba u mhux meta l-persuna tkun romlot.

Jekk wieħed isir inkapaċi għax-xogħol u jrid japplika għall-pensjoni għall-invalidità, dan irid jagħmlu immedjatament minn meta jsir inkapaċi. Madankollu d-dritt għal din il-pensjoni jibda jgħodd minn għeluq is-sitt xahar minn meta dan ikun beda jissottometti ċ-ċertifikati mediċi (il-blu) dwar l-inkapaċità tiegħu.

Meta wieħed ikun irid japplika għall-benefiċċju tal-mard, it-talba trid issir sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol minn meta l-persuna tkun mardet. Fil-każ ta' korriment fuq ix-xogħol, it-talba trid issir sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem minn meta l-persuna tkun korriet fuq ix-xogħol. Fil-każ tal-benefiċċju tal-mard, l-applikazzjoni hi ċ-ċertifikat il-blu li jsir mit-tabib. Fil-każ tal-benefiċċju għall-korriment fuq ix-xogħol hemm formola apposta li tkun trid timtela.

Fil-każ tal-'allowance' tat-tfal (inkluż tfal b'diżabilità) u l-benefiċċju tal-maternità, it-talba (jekk għal wild ġdid) trid issir sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta tkun twieldet it-tarbija. Jekk it-talba ssir wara l-iskadenza ta' dawn is-sitt xhur, id-dritt għall-benefiċċju jibda jgħodd minn meta tkun saret it-talba u mhux minn meta tkun twieldet it-tarbija. Fil-każ tal-għotja għal żwieġ, it-talba wkoll trid issir sa mhux aktar tard minn sitt xhur miż-żwieġ.

Infakkar li biex wieħed jibqa' jirċievi l-'allowance' tat-tfal irid jagħmel talba ġdida kull sena biex issir stima ġdida tad-dħul tal-ġenituri. Il-formola tintbagħat bil-posta kull sena lill-benefiċjarji u trid timtela u tintbagħat lura bid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa sal-aħħar ta' April ta' kull sena. Kull min id-dħul tiegħu jaqbeż it-€23,983 fis-sena m'għandux għalxiex joqgħod jimla din l-applikazzjoni kull sena u l-ħlas tal-'allowance' jibqa' jsir b'mod awtomatiku sakemm it-tfal jagħlqu 16-il sena jew ma jkunx hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi bħal tnaqqis fid-dħul.

Fil-każ tal-'allowance' tat-tfal 'fostered', it-talba wkoll trid issir sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jkun beda l-'fostering'. Jekk it-talba ssir wara l-iskadenza ta' dawn is-sitt xhur, id-dritt għall-benefiċċju jibda jgħodd minn meta tkun saret it-talba u mhux minn meta jkun beda l-'fostering'.

Fil-każ tal-pensjoni tal-età (mhux kontributorja), il-persuna trid tapplika fuq il-formola uffiċjali sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data li fiha l-persuna tkun għalqet 60 sena. Jekk it-talba ssir wara l-iskadenza ta' dawn is-sitt xhur, id-dritt għall-pensjoni jibda jgħodd minn meta tkun saret it-talba u mhux minn meta l-persuna tkun laħqet l-età ta' 60 sena. F'dan il-każ, min ikun wasal biex jagħlaq l-età ta' 60 sena u jkun qed fuq l-għajnuna soċjali, jirċievi ittra xi erba' xhur qabel biex tinformah li jrid japplika għal din il-pensjoni mhux kontributorja.

Fil-każ tal-għajnuniet soċjali, l-għajnuniet kollha għall-mard, l-għajnuna supplimentari u l-benefiċċju għall-enerġija, it-talba trid issir immedjatament minn meta l-persuna tħoss li għandha dritt għal xi wieħed jew aktar minn dawn il-benefiċċji. L-applikazzjoni għal dawn trid tasal fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem minn meta tkun imtliet, speċjalment jekk parti mill-applikazzjoni tkun trid timtela minn xi tabib.

Infakkar ukoll li biex wieħed jibqa' jirċievi l-għajnuna supplimentari jrid jagħmel talba ġdida kull sena biex issir stima ġdida tad-dħul. Il-formola tintbagħat bil-posta kull sena lill-benefiċjarji u trid timtela u tintbagħat lura bid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa sal-aħħar ta' April.

## Minn meta jibda jgħodd id-dritt għall-ħlas?

Kważi f'kull każ, il-ħlas effettiv tal-benefiċċju jibda mill-ewwel Sibt wara d-data li l-applikant ikollu dritt għall-benefiċċju. Dan jgħodd għal kull benefiċċju li jitħallas b'rata stabbilita kull ġimgħa, bħall-pensjoni tal-irtirar, il-pensjoni tar-romol, il-pensjoni għall-invalidità, l-'allowance' tat-tfal (inkluż tfal b'diżabilità), il-benefiċċju tal-maternità, u l-'allowance' tat-tfal 'fostered'. Jiġifieri, biex nagħtu eżempju, jekk wieħed għalaq l-età tal-pensjoni ngħidu aħna llum it-Tlieta, u applika fiż-żmien stipulat kif spjegajt fuq, il-pensjoni tibda titħallas mis-Sibt li ġej (u mhux mil-lum).

Iżda, fil-każ tal-benefiċċji tal-mard, jekk it-talba ssir fiż-żmien stipulat, id-dritt għall-benefiċċju jibda jgħodd mir-raba' ġurnata ta' mard. Fil-każ ta' korriment fuq ix-xogħol, jekk it-talba ssir fiż-żmien stipulat kif spjegajt fuq, id-dritt għall-benefiċċju jibda jgħodd mill-ħames ġurnata.

Fil-każ tal-benefiċċju għall-qgħad, id-dritt għall-benefiċċju jibda jgħodd mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni għax-xogħol fuq l-ewwel parti tar-reġistru tal-ETC. Fil-każ tal-benefiċċju speċjali għall-qgħad, id-dritt għall-benefiċċju jibda jgħodd sa mhux aktar tard minn 33 jum wara d-data tal-ewwel reġistrazzjoni għax-xogħol fuq l-ewwel parti tar-reġistru tal-ETC.

Fil-każ tal-għajnuniet soċjali, l-għajnuniet għall-mard, il-pensjoni għall-wens, il-pensjoni għal diżabilità, l-għajnuna supplimentari u l-benefiċċju għall-enerġija, id-dritt għal dawn jibda jgħodd mis-Sibt ta' wara li ssir it-talba kif spjegajt fuq. Madankollu fil-każ tal-għajnuna soċjali għall-qgħad, id-dritt għall-għajnuna jibda jgħodd minn dakinhar stess li l-persuna tapplika. Fil-każ tal-pensjoni tal-età non-kontributorja, id-dritt jibda jgħodd mis-Sibt ta' wara li l-applikant jagħlaq 60 sena, dejjem jekk ikun applika fiż-żmien stipulat kif spjegajt fuq.

Fil-każ tal-għotja għal żwieġ, minħabba li din hi għotja ta' darba, din titħallas ftit taż-żmien wara li ssir l-applikazzjoni jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet tagħha. Iżda jekk it-talba ma ssirx fi żmien sitt xhur minn meta jkun sar iż-żwieġ, id-dritt għaliha jintilef għal kollox.

Naturalment, infakkar li l-fatt li wieħed applika għall-benefiċċju anke jekk fiż-żmien stipulat, ma jfissirx li għandu xi dritt awtomatiku għalih. Hemm diversi kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, fosthom test tal-kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati (għall-benefiċċji u pensjonijiet kontributorji) u/jew test tal-mezzi (għall-benefiċċji u għajnuniet mhux kontributorji) li wieħed irid jissodisfa biex ikun jista' jitħallas il-benefiċċju.

Barra minn hekk, hemm ukoll numru ta' benefiċċji bħall-pensjoni għall-invalidità, il-benefiċċju tal-mard, il-benefiċċju għall-korriment fuq ix-xogħol, il-pensjoni għall-wens, l-għajnuna soċjali għall-mard, l-għajnuniet għall-mard, l-għajnuna soċjali għal min jieħu ħsieb xi qarib marid, il-pensjoni għal diżabilità u l-'allowance' tat-tfal b'diżabilità li d-dritt għalihom jinkiseb ukoll wara li t-talba tagħha tkun mistħarrġa u approvata mill-bord mediku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

## Kif issir it-talba?

Biex wieħed japplika, jista' jagħmel dan b'diversi modi. Jista' (i) isib il-formola li għandu bżonn billi jżur il-websajt tagħna www.socialsecurity.gov.mt, jimla l-formola u jibgħatha bil-posta skont kif hemm spjegat fl-istess websajt, jew (ii) jimla l-formola, li kif spjegajt fuq jista' wkoll f'xi każi jirċeviha d-dar minn qabel u jmur biha f'xi wieħed mill-Uffiċċji Distrettwali tad-Dipartiment, jew (iii) imur f'xi wieħed mill-Uffiċċji Distrettwali tad-Dipartiment u japplika direttament minn hemm.

Fil-każ tal-għotja għal żwieġ u l-benefiċċju tal-maternità, min għandu e-ID jista' japplika direttament onlajn mill-websajt tad-dipartiment. Għal aktar tagħrif dwar wieħed x'għandu jagħmel biex jikseb e-ID u jkun jista' jaċċessa s-servizzi kollha onlajn tal-Gvern (mhux biss dawk tas-sigurtà soċjali) jista' jidħol fil-websajt http://mygov.mt/portal(aqooefiyqasdhb55emkv5yym)/webforms/howdoigetaccesstomygov.aspx.

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurta' soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurta' soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*

Mill-ġdid infakkar li hu importanti li l-applikazzjoni tasal malajr ħalli l-applikanti ma jitlef xejn minn dak li jkollu dritt għalih. Hu importanti wkoll, speċjalment għal min jagħżel li jimla l-formola hu u jibgħatha bil-posta jew japplika onlajn, li jissottometti d-dokumenti li jkunu meħtieġa skont kif ikun indikat fuq il-formola partikolari.

Għalkemm jekk l-applikazzjoni għal xi benefiċċju partikolari tintbagħat mingħajr id-dokumenti meħtieġa, xorta titqies valida fid-data li fiha tkun waslet fid-Dipartiment, jista' jkun hemm dewmien fil-proċess tal-evalwazzjoni tagħha. Għalhekk dejjem hu importanti li d-dokumenti meħtieġa jintbagħtu mal-applikazzjoni biex il-proċess jitħaffef u l-ħlas isir kemm jista' jkun malajr.

## Għal aktar tagħrif?

Kull applikazzjoni li tintbagħat bil-posta (mhux elettronika) trid tintbagħat lis-sezzjoni partikolari tal-benefiċċju li għalih tkun trid issir it-talba. Jiġifieri jekk eżempju xi ħadd ikun irid japplika għall-pensjoni tal-irtirar u jixtieq jibgħat l-applikazzjoni bil-posta, din trid tintbagħat lit-Taqsima tal-Pensjonijiet. Kull benefiċċju għandu taqsima ddedikata għalih. F'kull każ l-applikazzjoni tkun trid tinbagħat f'dan l-indirizz:

Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 2000. Telefon: 25903000.

Min ikun irid aktar tagħrif jew inkella jrid japplika minn xi wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna, jista' jagħmel dan billi jmur f'xi wieħed mill-uffiċċji imsemmijin taħt:

BALZAN, 153, Triq il-Kbira (Telefon: 2590 3600)

BIRKIRKARA, Ċentru Ċiviku (Telefon: 2590 3610)

BIRGU, Aċċess, Triq San Dwardu (Telefon: 2590 3620)

FGURA, Triq il-Kampanella (Telefon: 2590 3630)

ĦAMRUN, 1, Triq is-Sorijiet iż-Żgħar (Telefon: 2590 3640)

LUQA, 89, Triq Pawlu Magri (Telefon: 2590 3650)

MARSA, 84, Triq Patri Feliċjan Bilocca (Telefon: 2590 3660)

MOSTA, Ċentru Ċiviku (Telefon: 2590 3670)

MSIDA, 174/175, Triq il-Wied (Telefon: 2590 3680)

NADUR GĦAWDEX, 43, Triq il-Kappillan (Telefon: 2590 3690)

NAXXAR, Ċentru Ċiviku (Telefon: 2590 3700)

PAOLA, Ċentru Ċiviku (Telefon: 2590 3710)

QAWRA, Aċċess, Triq il-Frejgatina (Telefon: 2590 3750)

QORMI, 229, Triq il-Vitorja (Telefon: 2590 3720)

RABAT, Ċentru Ċiviku (Telefon: 2590 3730)

SAN GWANN c/o, Għassa tal-Pulizija, Triq in-Naxxar (Telefon: 2590 3740)

SIĠĠIEWI, Pjazza San Nikola (Telefon: 2146 3050)

SLIEMA, 101, Triq Dingli (Telefon: 2590 3770)

VALLETTA, Aċċess, 72, Triq Melita (Telefon: 2590 3780)

VICTORIA, GĦAWDEX, 48, Pjazza San Franġisk (Telefon: 2590 3790)

ŻABBAR, Ċentru Ċiviku (Telefon: 2590 3800)

ŻEBBUĠ, Bini tal-Gvern, Blokk 1/2, Triq Sciortino (Telefon: 2590 3810)

ŻEJTUN, 9, Triq il-Madonna tal-Ħniena (Telefon: 2590 3820)

ŻURRIEQ, 8, Triq Santa Katarina (Telefon: 2590 3830)

Min irid jagħmel kuntatt magħna permezz tal-posta elettronika jista' jagħmel dan billi jibgħat imejl fuq socialsecurity-@gov.mt jew jimla l-formola ta' kuntatt li jsib fil-websajt tagħna f'dan l-indirizz https://secure-2gov.mt/SocialPolicy/SocProt/social benefits/contact.aspx.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

**■ Joe Pisani staqsa permezz ta' imejl: Nixtieq inkun naf jekk persuna li ma tkunx ħadmet fl-aħħar għaxar snin tagħha qabel tilħaq l-età tal-irtirar tkunx intitolata għall-pensjoni tal-irtirar (inkluż taż-żewġ terzi), irrispettivament min-numru ta' snin li ħadmet u l-bolol li ħallset matul il-perjodu ta' qabel? Nirringrazzja ħafna lis-Sur Pisani għall-mistoqsija.**

Tajjeb li ninforma lis-Sur Pisani u lill-qarrejja kollha li l-fatt waħdu li persuna ma tkunx ħallset kontribuzzjonijiet fl-aħħar għaxar snin ta' qabel tirtira ma jfissirx li persuna ma tistax tkun intitolata għall-pensjoni. Persuna tista' tikkwalifika xorta għall-pensjoni anke jekk ma tkunx ħallset kontribuzzjonijiet fl-aħħar għaxar snin.

Biex persuna tikkwalifika għall-pensjoni taż-żewġ terzi jrid ikollha medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati ta' mhux inqas minn 15-il kontribuzzjoni fis-sena fil-perjodu minn meta tkun għalqet 18-il sena (jew 19-il sena jekk twieldet qabel l-4 ta' April, 1958) sas-sena kalendarja ta' qabel tkun se tirtira, irrispettivament minn jekk tħallsux kontribuzzjonijiet fl-aħħar għaxar snin jew le. Fil-każ tal-pensjoni taż-żewġ terzi mqar kontribuzzjoni waħda trid tkun ħallset wara l-21 ta' Jannar, 1979. Naturalment, jekk persuna ma tkunx ħallset kontribuzzjonijiet fl-aħħar għaxar snin (u lanqas għandha kontribuzzjonijiet akkreditati f'dan il-perjodu) tkun intitolata, jekk tikkwalifika, għal rata ta' pensjoni mnaqqsa, li tista' tkun ibbażata fuq il-pensjoni minima nazzjonali.

Biex persuna tikkwalifika għall-pensjoni tal-irtirar (inkluż il-pensjoni minima nazzjonali) b'rata ogħla minn taż-żewġ terzi, trid tkun ġiet irreġistrata fl-iskema tas-sigurtà soċjali qabel l-4 ta' April, 1978, u jrid ikollha medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati ta' mhux inqas minn 20 kontribuzzjoni fis-sena fil-perjodu minn meta tkun għalqet 18-il sena (jew 19-il sena jekk twieldet qabel l-4 ta' April, 1958) sas-sena kalendarja ta' qabel tkun se tirtira, u anke hawn irrispettivament minn jekk tħallsux kontribuzzjonijiet fl-aħħar għaxar snin jew le.

Fil-każ tal-pensjoni taż-żewġ terzi, il-mod kif tinħadem il-medja tal-kontribuzzjonijiet ivarja skont meta twieldet il-persuna.

Għal min twieled qabel l-1952, il-medja tinħadem fuq 30 sena li jinkludu l-aħħar għaxar snin ta' qabel l-irtirar. Fil-każ ta' persuna li twieldet bejn l-1952 u l-1961, il-medja tinħadem fuq 35 sena li jinkludu l-aħħar għaxar snin kollha ta' qabel l-irtirar. Nirrepeti iżda li ma jfissirx li bniedem ma jistax jilħaq il-medja minima li għandu bżonn jekk ma jkunx ħallas kontribuzzjonijiet fl-aħħar għaxar snin. Fil-każ ta' persuna li twieldet fl-1962 jew wara l-medja tinħadem fuq 40 sena li mhux neċessarjament jinkludu l-aħħar għaxar (10) snin kollha ta' qabel l-irtirar.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,
A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* ***ittri@unionprint.com.mt****. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*